**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**ONOR. MAGISTRAT**

**DR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

Illum, 9 ta' Mejju 2018

Rikors Numru 12/2018 GM

Boatcare Trading Limited (C 37131)

-vs-

Avv Benjamin Valencia nominat bhala kuratur deputat tas-sailing yacht bl-isem Wandu (numru internazzjonali IY4414; numru ta' registrazzjoni 5BA 29-D) waradigriet tat-8ta' Gunju 2016, u Fortunato Pasquale

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors ta' Boatcare Trading Limited ippreżentat fis-26 ta' Jannar 2018 li jaqra hekk:

"Tghid jew tgħidu ghaliex m'ghandekx jew m'ghandkomx tkun/u ikkundannat/i ihallas/su lir-rikorrenti is-somma ta' sitt elef, tlett mija u erbghin ewro u tletin centezmi (€6,340.30) rapprezentanti l-prezz minnek/kom dovut ghal drittijiet ta' ormegg u provvista ta' dawl u ilma provduti mir-rikorrenti fuq inkarigu tieghek stess u dan kif jigi muri u ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Bl-imghaxijiet skond il-ligi dekorribbli mid-dati ta' meta l-imsemmi ammont kien dovut sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ippresentat kontestwalment.

Inti ingunt sabiex tidher ghas-subizzjoni."

Rat li l-intimati gew notifikati;

Rat li, fl-udjenza tal-25 t'April 2018, ir-rikorrenti ppreżentat Kapitoli għas-subizzjoni tal-intimati, li bih riedet tipprova bil-ġurament tagħhom li huma debituri tagħha fis-somma u għar-raġunijiet indikati fl-Avviż;

Rat li l-kawża ġiet imħollija għall-udjenza tallum għall-approvazzjoni tal-Kapitoli u għas-subizzjoni tal-intimati;

Rat li, minkejja dan, l-intimati, imsejjħin tlett darbiet, baqgħu ma dehrux biex jiċħdu l-mistoqsija magħmula lilhom in subizzjoni.

Tqis għalhekk dan il-Kapitolu bħala moqri u mistqarr.

Għaldaqstant, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talba kif dedota fir-rikors promotur tikkundanna lill-intimati jħallsu lis-soċjeta` rikorrenti s-somma ta' €6,340.30 bl-imgħax legali sad-data tal-ħlas effettiv u bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ppreżentat kontestwalment mal-Avviż tat-Talba.

Mag Grazio Mercieca